MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-3 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 27/2007

Kawza fil-lista: 37

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-14 ta’ Settembru tas-sena elf disa’ mija u hamsa u tmenin (1985), gewwa l-Parrocca ta’ San Gwann tas-Salib, Ta’ Xbiex, kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok A; u

2. Illi minn dan iz-zwieg, il-kontendenti kellhom zewgt itfal, Jessica u Malcolm, it-tnejn minuri;

3. Illi l-kunsens tal-attrici inkiseb b’ qerq dwar xi kwalita’ tal-konvenut li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga, ai termini tal-Artikolu 19(1)(c) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta, u

4. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’ anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, ai termini tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Illi, oltre dan, l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, ai termini ta’ l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, m’ ghandhiex taqta’ u tiddeciedi billi:

Tiddikjara z-zwieg ta’ bejn il-kontendnti ccelebrat fl-14 ta’ Settembru tas-sena elf disa’ mija u hamsa u tmenin (1985), null u bla effett, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut eccepixxa illi l-intimat jaqbel illi hemm ragunijiet ghall-annullament taz-zwieg tieghu mar-rikorrenti taht l-Artikolu 19(1) ta’ l-Att dwar iz-Zwieg, izda minhabba ragunijiet imputabbli lir-rikorrenti, u ghalhekk m’ ghandux ibati l-ispejjez ta’ din il-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits;

Semghet lill-partijiet bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fl-14 ta' Settembru 1985 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali ta' l-attrici kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255, u dak tal-konvenut kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-istess artikolu.

Minn naha tieghu l-konvenut, filwaqt li jaqbel mad-dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg fit-termini tal-paragrafu [d] jeccepixxi li t-tort ghal dan lill-attrici li allura ghandha tbati l-ispejjez tal-kawza.

**Kwadru tal-fatti**
Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fl-14 ta' Settembru 1985 meta allura l-attrici kellha 22 sena u l-konvenut kellu 27 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien sitt [6] snin. Minn dan iz-zwieg, wara zewg korrimenti, twieldu zewgt itfal, fit-3 ta' Marzu 1994 u fis-27 ta' Novembru 1996. Wara konvivenza ta' tmintax [18] il sena, il-partijiet isseparaw de facto. Skond il-konvenut l-attrici llum tghix mal-partner taghha, u dan ghal dawn l-ahhar sena u nofs;  liema fatt ma giex kontraddett mill-attrici li xehedet wara l-konvenut.[1]

Illi in sostanza l-versjoni attrici hija fis-sens li hi ma zzewgitx lill-konvenut ghax kienet thobbu, izda ghar-raguni li riedet tehles mis-sikkatura ta' ommha li kienet irrendietilha hajjitha f' dak iz-zmien infelici. L-attrici tghid li hi kienet thares lejn iz-zwieg taghha mal-konvenut bhala mezz sabiex takkwista l-liberta' u tkun tista taghmel li trid hi. Izda meta zzewget intebhet li z-zwieg ma fihx liberta' izda jirrikjedi hafna sagrifizju. Hija tghid li ma kinitx thobb

[1] Il-konvenut xehed fl-udjenza tat-23 ta' Ottubru 2007 [fol.30 et seq.] filwaqt li l-attrici xehdet fl-udjenza tal-11 ta' Dicembru 2007 [fol.42 et seq.]

il-konvenut li hi tiddeskrivi bhala bniedem supperv, u anke dominanti.

L-attrici tghid li xahar wara z-zwieg il-konvenut kien qallha li hu kien imdejjaq hafna u ried jisiefer lejn l-Awstralja. Hija tiddeskrivi l-hajja matrimonjali taghha bhala wahda infelici; izda xorta wahda riedet li jkollha tfal minn dan iz-zwieg, u di fatti, wara zewg korrimenti, hija kellha tifla fis-sena 1994 wara circa disa’ snin ta’ konvivenza matrimonjali, u tifel sentejn wara, fis-sena 1996. Hija ma cahditx li l-konvivenza matrimonjali damet 18-il sena kif xehed il-konvenut.

L-attrici tghid li r-relazzjonijiet intimi bejn il-partijiet kienu qed jonqsu, u wara t-twelid tat-tieni tarbija spiccaw konmpletament hlief ghal darbtejn “li kienu ta’ bilfors u kontra qalbu.”[2] “Minn wara t-tifel spicca kollox, konna qisna xebba u guvni nghixu fl-istess dar.” Qalet ukoll li tant kienet imdejjqa li kienet qabditha depression. Hija tghid li “Mill-bidu nett ma stajniex nghixu flimkien, bejn ghax ma kienx hemm komunikazzjoni kif ukoll ghax ma kienx hemm rispett u mhabba kif suppost.” Tghid: “Hajti d-dar kienet infern. Kont inrabbi zewgt itfal wahdi minghajr ghajnuna ta’ xejn, u kont qisni s-seftura tieghu.”

L-attrici tghid ukoll li huha kien jissuspetta li l-konvenut kien omosesswali; u anke meta kien gie ghal btala z-ziju tal-konvenut li gie mill-Awstralja, dan qallha li dejjem haseb li l-konvenut kien omosesswali.

Illi minn naha tieghu l-konvenut jichad li kellu xi haga mhux normali fl-orjentament sesswali tieghu. Huwa jghid li anke matul l-gherusija, il-partijiet kien ikollhom relazzjonijiet sesswali. Kien hemm zmien meta, biex tinqabad tqila l-attrici kien ikollhom relazzjonijiet intimi kuljum. Huwa jichad li fiz-zwieg kien ifittixha biss sabiex ikollhom it-tfal. Izda kienet l-attrici, li wara t-twelid tat-tifel u meta kienet bdiet tahdem go supermarket partikolari, hija bdiet tohrog ma’ tax-xoghol u ddum sat-3.00 am. Jghid li “Minn dan iz-zmien meta kont nipprova jkolli x’ naqsam

---

[2] Fol.11 *et seq.*

maghha kienet dejjem taghtini darha, u dejjem kienet tghidli li ma kellhiex aptit."[3]

Il-konvenut jghid ukoll li wara t-twelid tat-tifel fis-sena 1996 l-attrici kienet qabditha depression u damet ghal certu tul ta' zmien f' dan l-istat. Izda qabel, fiz-zwieg ma kien hemm problemi ta' xejn, u jikkonferma li r-relazzjonijiet intimi bejniethhom kienu tajbin. Huwa jispjega li l-problemi bdew jinqalghu fis-sena 1996 meta l-attrici kienet wirtet xi flus u bdiet trabbi l-arja bihom. Hija riedet tixtri karrozza ghaliha, meta l-konvenut kien jigbdilha l-attenzjoni li finanzjarjament kienu batuti u ma kienux fil-posizzjoni li jlahhqu ma' zewg karrozzi. L-attrici tbiddlet mill-lejl ghan-nar, ghax kienu jiggieldu kontinwament fuq il-flus.

Huwa jghid li l-attrici qatt ma kienet qaltlu qabel iz-zwieg li hi kienet imdejqa ghand ommha, u qatt ma wrietu li riedet tizzewweg biex titlaq mid-dar. "Konna ferhanin it-tnejn".

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi l-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu u taghti affidament lill-konvenut. Il-Qorti thoss li f' certu aspetti tax-xhieda taghha l-attrici kienet inveritiera fl-emfasi li ghamlet fuq certu fatturi, bhal meta tghid li ma kinitx thobb lill-konvenut u li kienet izzewgitu unikament biex tehles mis-sikkatura tad-dar.

Illi huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:
[1] Illi l-allegazzjoni da parti ta' l-attrici li l-konvenut huwa omosesswali hija gratuwita u mhijiex sorretta mill-provi; anzi l-provi jindikaw il-kuntrarju, u cioe' li matul il-konvivenza matrimonjali kien hemm diversi okkazzjonijiet meta l-partijiet kien ikollhom relazzjonijiet intimi. Il-konvenut jghid li kien hemm zmien meta kien qed ikollhom x' jaqsmu kuljum. Di fatti mill-provi jirrizulta li qabel ma kellha l-ewwel wild fis-sena 1994 l-attrici kienet harget tqila darbtejn, u sussegwentement twieled it-tieni wild, sentejn wara.

---

[3] Fol.40 *et seq.*

Stabbilit il-premess, jigi osservat li sabiex tikkonfigura l-anomalija psikologika fit-termini tat-tieni parti tal-paragrafu [d] jehtieg li din tkun "serja" u li kienet taghmilha "impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg." Dan ampjament ma jirrizultax, la fil-konfront tal-konvenut u wisq anqas fil-konfront ta' l-attrici. Bl-istess mod ma tirrizultax xi kwalita' fil-konvenut li fit-termini tal-paragrafu [c] fixklet serjament il-hajja mizzewga, u dan apparti mill-fatt li ma jikkonfigura ebda qerq da parti tal-istess konvenut. Ghaldaqsant dawn iz-zewg capita nullitatis ma jirrizultaw f' ebda parti.

[2] Illi rigward is-simulazzjoni kontemplata fit-termini tal-paragrafu [f], il-Qorti tosserva li mill-provi ma jirrizultax li fil-mument tal-kontrattazzjoni taz-zwieg xi parti eskludiet iz-zwieg innifsu, jew obbligu essenzjali matrimonjali. Il-provi juru li l-partijiet kienu ilhom sitt snin johrogu flimkien qabel iz-zwieg li matulhom kien ikollhom relazzjonijiet sesswali, u wara z-zwieg kienu damu jikkonvivu flimkien tmientax [18] –il sena li matulhom kellhom zewgt itfal f' perijodu ta' hdax-il sena, u wara sforz qawwi u kontinwu, da parti taz-zewg partijiet, sabiex ikollhom tfal f' dan iz-zwieg; u dan nonostante li l-attrici tiddeskrivi l-hajja mizzewga taghha bhala "wahda nfelici hafna"! Ghaldaqstant l-anqas dan il-*caput nullitatis* ma jikkonfigura.

[3] Illi l-konsiderazzjonijiet premessi fil-paragrafi precedenti jdghajfu serjament it-tesi tal-partijiet li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali huma kienu affetti minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq l-import, id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja matrimonjali. Il-provi certament juru l-kuntrarju, u cioe' li z-zewg partijiet kienu ben konsapevoli tad-drittijiet u dmirijiet tal-hajja konjugali, u ma jistax jinghad li f' dak iz-zmien huma ma kellhomx certu dixxerniment ta' dawn il-fatturi essenzjali; tant li huma kkonvivew ghal zmien twil, bil-ghan li jipprokreaw u jrabbu lit-tfal; u kien biss wara circa 11-il sena ta' konvivenza konjugali li bdew il-problemi serji bejn il-partijiet rizultat tal-komportament abusiv da parti ta' l-attrici meta dina kienet regghet bdiet tahdem u dahhlet f' relazzjoni extra matrimonjali ma' ragel li, skond ix-xhieda

mhux kontradetta tal-konvenut, ghadha tghix mieghu sallum. Ghaldaqstant l-anqas dan il-caput nullitatis ma jikkonfigura f’ dan il-kaz.

In fine hija opportuna l-osservazzjoni li z-zwieg huwa **wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta’** u bla dubju ta’ xejn huwa ta’ ordni pubbliku u l-Qorti trid tersaq lejh bl-akbar rispett, ukoll jekk hija sejra thares lejh mill-punto di vista civili biss. Dan bl-iskop li ma jigix annullat zwieg fuq ix-xewqa tal-parti jew partijiet, izda kif hekk inhu xieraq fuq is-serjeta’ u l-bazi tar-rekwiziti legali. Ghalhekk jekk l-ghazla singolari jew kongunta tal-partijiet kienet zbaljata, dan m’ ghandux iwassal sal punt li z-zwieg jisthoqqlu li jkun annullat. Mod iehor dan il-kuntratt hekk serju, ghax maghmul skond il-ligi u li jikkostitwixxi l-ligi ta’ bejniethom [kif hekk jesprimi l-Art.992] jigi stultifikat u rez insinifikanti. Kapaci wkoll jservi ta’ pretest ghal kull min iz-zwieg tieghu ma jirnexxiex biex jannulla kuntratt li jisthoqlu invece jibqa’ fis-sehh.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija ngustifikata, stante li mhiex sorretta mill-provi, u ghalhekk ma timmeritax li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici, bl-ispejjez kollha a kariku ta’ l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------